MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2014

Numru. 1115/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Godwin Scerri]**

**vs**

**Annabelle Camilleri  Monreal**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Annabelle Camilleri Monreal detentrici tal-karta tal-identita' 311185(M).

Akkuzata talli f’dawn il-gzejjer fix-xahar ta’ Ottubru, 2014:

1. B’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu minn ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann jew billi wirtet haga ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal biza jew tama dwar xi haga kimerika, ghamlet qliegh ghad-dannu ta’ John Palmer;
2. Aktar talli approrijat ruhha billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuni ohra, haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnha specifikata;
3. Aktar talli naqset milli thares il-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. fid-digriet taghha datat 26 ta’ Frar 2013 li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni fejn f’kaz ta’ sejbien ta’ htija tikkonsidra lil Annabelle Camilleri Monreal bhala recidiva;

Rat id-dokumenti pprezentanti; inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputata ammettiet l-akkuzi kif dedotti kontriha anke wara zmien biex tirrikonsidra l-pozizzjoni taghha hi regghet ikkonfermat tali ammisjoni;

Rat il-fedina penali tal-imputata li hija wahda refrattarja; u

Rat illi l-imputata ghandha l-addebitu tar-recidiva izda minhabba l-fatt illi hija ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri, il-Qorti mhix ser tapplika l-aggravju fuq il-piena;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 308, 310(b), 293, 294, 579(1), (2) u (3), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata, Annabelle Camilleri Monreal, hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontriha u stante li t-tieni (2) akkuza hija assorbita f'dik tal-ewwel, qed tikkundannaha ghal seba' (7) xhur prigunerija flimkien ma' multa ta' hamsin Ewro (€50) u dan ghat-tielet (3) akkuza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------